# IL-ĦAMES PARTI
## *IT-TIENI SEZZJONI*
## APPELLI KRIMINALI
## (Sede Inferjuri)

**9 ta' Jannar, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Harmsworth, Ignatius Borg u Eugene Cutajar

**Appell – Xhieda Ġodda – Dokument**

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għandha d-dmir li ma tippermettix xhieda ġodda fis-smigħ ta' l-appell ħlief kif permess bl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali dejjem bil-ħsieb li kemm jista' jkun il-Qorti ta' l-Appell tiddeċidi l-kawża fuq il-bażi ta' dak li kellha quddiemha l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-28 ta' Marzu, 1988, fl-ismijiet premessi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Ignatius Borg, mnejn

jirriżulta li, in konnessjoni mat-tielet aggravju speċifikat minnu esibixxa b'nota d-dokument immarkat JB1, li qiegħed a fol. 189 tal-proċess, u li waqt is-smigħ ta' l-appell, il-Prosekuzzjoni talbet l-isfilz tiegħu;

Ittrattat il-kwistjoni ta' l-isfilz tad-dokument in kwistjoni (fol. 189) bl-għajnuna tad-difensuri abbli tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi d-dokument in kwistjoni huwa riċevuta li tiddikjara li l-oġġetti fih speċifikati kienu kkonsenjati fil-*Criminal* Investigation Department fit-2 ta' Diċembru, 1985, ''pending *Police Investigations''*. Mhux riċevuta li tħallas xi dazju fuqhom. Konsegwentement ma tidhirx ir-rilevanza tagħhom għall-finijiet ta' l-akkużi taħt l-Ordinanza tad-Dwana. Apparti dan, din il-Qorti għandha d-dmir li ma tippermettix xhieda ġodda fis-smigħ ta' l-appell, ħlief kif permess mil-liġi (art. 424 (Kap. 9) ) dejjem bil-ħsieb li kemm jista' jkun il-Qorti ta' l-Appell tiddeċidi l-kawża fuq il-bażi ta' dak li kellha quddimeha l-ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba għall-produzzjoni ta' dan id-dokument u tilqa' t-talba għall-isfilz tad-dokument fol. 189. Konsegwentement tordna l-isfilz tad-dokument in kwistjoni mill-proċess u li jkun irritornat lill-appellant, jekk iridu, wara li jħalli d-debita riċevuta. Tiddiferixxi l-appell għall-kontinwazzjoni għas-27 ta' Frar, 1989.